MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tas-6 ta' Marzu, 2006

Avviz Numru. 575/2004

**Vodafone Malta Limited**

**vs**

**Melita Marine Ltd**
**u b'digriet ta' l-24 ta' Jannar 2002, gie kjamat fil-kawza Pierre Balzan f'ismu proprio kif ezercenti l-kummerc taht l-isem Melita Marine**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentata quddiem il-Prim'Awla fit-12 ta' April, 2000, fejn wara li s-socjeta' attrici ppremettiet illi peress illi s-socjeta' attrici hija kreditrici tas-socjeta' konvenuta fis-somma ta' elf, tmien mija u erbatax-il lira Maltin u tmien centezmi (Lm1,814.08) bilanc ta' somma akbar, rapprezentanti access ghall-uzu ta' mobile telephone u "airtime" ghall-istess uzu moghti lis-socjeta'

konvenuta mis-socjeta' attrici skond il-fattura annessa u mmarkata Dokument A.

Peress illi minkejja interpellata thallas dan l-ammont, is-socejta' konvenuta baqaghet inadempjenti;

Peress illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut u fl-opinjoni tas-socjeta' attrici, s-socjeta' konvenuta m'ghandhiex eccezzjonijiet x'taghti;

Talbet lil din il-Qorti:

Taqta u tiddeciedi l-kawza ai termini ta' l-Artikoli 167 sa' 170 tal-Kap. 12, u cioe' bid-dispensa tas-smiegh.

Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, tmien mija u erbatax-il lira Maltin u tmien centezmi (Lm1,814.08) dovuti kif fuq intqal.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra nterpellatorja tat-3 ta' Awissu, 1999 u bl-imgahxijiet legali, kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat id-digriet tal-Prim'Awla tat-8 ta' Mejju, 2000 fejn akkordat terminu ta' ghoxrin (20) gurnata sabiex is-socjeta' konvenuta tipprezenta l-eccezzjonijiet taghha;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet ipprezentati mis-socjeta' konvenuta fejn eccepiet:

Illi preliminarjament, l-azzjoni attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' attrici, u dan peress illi ma hemm l-ebda relazzjoni guridika bejn il-partijiet stante li l-ammont pretiz jirrigwarda kontijiet li nhargu fi zmien meta l-istess socjeta' konvenuta ma kienetx tezisti u noltre u f'kwalunkwe kaz l-istess socjeta' konvenuta qatt ma assumiet l-obbligi li thallas l-istess kontijiet in kwistjoni;

Illi subordinatament, inoltre u mighajr pregudizzju ghas-suespost, fl-ewwel lok is-socjeta' konvenuta m'ghandhiex tbati l-ispejjez ta' l-ewwel talba attrici li issa giet michuda

mill-Qorti, bil-konsegwenza li dawn l-istess spejjez ghandhom ikunu nterament a karigu tas-socjeta' attrici;

Illi ukoll subordinatament, inoltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost, fit-tieni lok it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' attrici stante li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u dan peress li fil-mertu, s-socjeta' attrici effettivament thallset ghall-fatturi kollha formanti l-fattispecie ta' din l-azzjoni, u dan kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi.

Rat id-digriet tal-Prim'Awla ta' l-24 ta' Jannar, 2002 fejn il-Qorti ordna il-kjamat fil-kawza ta' Pierre Balzan f'ismu proprju kif ezercenti l-kummerc taht l-isem Melita Marine;

Rat l-eccezzjonijiet tal-kjamat fil-kawza fejn eccepixxa illi:

1. Preliminarjament it-talba tas-socejta' attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' attrici kwantu gahs-somma totali ta' elf, erba' mija u sitta u hamsin lira Maltin u sitta u tmenin centezmu (Lm1,456.86) konsistenti fil-fatturi ndikati fuq il-prospett a fol. hamsa tal-process (5) bid-dati ta' 26 ta' Jannr, 1996 (bilanc ta' Lm0.50), 23 ta' April, 1996 (Lm299.58), 24 ta' Mejju 1996 (Lm113.42), 14 ta' Gunju 1996 (Lm430.68), 21 ta' Gunju, 1996 (Lm266.95), 14 ta' Awissu 1996 (Lm115.44) u 20 ta' Settembru 1996 (Lm142.17), kif ukoll fattura datata 18 ta' Lulju 1996 indikata a fol. hdax (11) tal-process – Lm88.12 stante li hija preskritta ai termini ta' l-artiklu elfejn, mija u sitta u hamsin (2156) paragrafu "f" tal-Kodici Civili. Kapitolu Sittax (16) ta' l-Edizzjoni Riveduta tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Illi prelimarjament ukoll, inoltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba tas-socjeta' attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' attrici kwantu ghas-somma totali ta' hamsa u sittin lira Maltin u hamsa u erbghin centezmu (Lm65.45), konsistenti fil-fatturi ndikati fuq il-prospett a fol. hdax (11) tal-process bid-dati tat-18 ta' Frar, 1997 (Lm40.25 - rapprezentanti kera u VAT relattiv) u 20 ta' Awissu 1998 (Lm25.20 – rapprezentanti

kera), stnate li hija preskritta ai termini ta’ l-artikolu elfejn, mija u tmeienja u erbghin (2148) faragrafu “f” ta’ l-istess Kodici Civili (Kap. 16);
3. Illi fil-mertu, inoltre u mighajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess socjeta’ attrici u dan stante li, fl-ewwel lok, ma hu dovut xejn lis-socjeta’ attrici, u fit-tieni lok, kwantu ghall-bilanc ta’ Lm291.77 li ma tistax tigi kunsidrata bhala preskritta (Lm64.97 inkluz VAT fuq fattura datata 18 ta’ Frar, 1997 u Lm226.80 fuq fattura datata 20 ta’ Awissu 1998) din mhijiex dovuta ghax kienet thallset immedjetament, u dan kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;
4. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi.

Rat in-nota ta’ l-14 ta’ Settembru, 2004 fejn is-socjeta’ attrici ghazlet illi l-kawza titkompla quddiem il-Qorti tal-Magistrati fil-kuntest ta’ l-Artikolu 34(2) ta’ l-Att IX ta’ 2004.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi fl-eccezzjoni preliminari taghha, s-socjeta’ konvenuta Melita Marine Limited eccepiet illi ma kien hemm l-ebda relazzjoni guridika bejn il-partijiet peress illi s-socjeta’ konvenuta ma kinitx tezisti fiz-zmien li s-socejta’ attrici qeda titlob il-hlas tas-servizzi taghha.

Fil-fatt, irrizulta skond ix-xhieda ta’ Dr Claudette Fenech, in rapprezentanza tar-Registratur tas-Socjetajiet li s-socjeta’ Melita Marine Limited gie registrata fis-27 ta’ Jannar, 1999 [fol. 28].

Pero’ l-isem tas-socejta’ konvenuta beda’ jintuza mill-konvenut kjamat fil-kawza u impjegati tieghu ferm qabel ir-registrazzjoni tal-kumpanija. Fil-fatt, kif jidher fil-*period contract* esebit a fol. 9 bid-data 29 ta’ Lulju, 1996, il-klijent tas-socejta’ attrici giet indikata bhala “Melita Marine

Limited” u aktar tard fil-kuntratt a fol. 10 bhala “Melita Marine Company Limited”. Fil-kuntratti ta’ qabel, li huma kollha *period contracts*, dawk esebiti a fol. 7 u 8, s-socjeta’ hija ndikata bhala “Melita Marine” u l-firem huma jew ta’ Pierre Balzan innifsu, jew ta’ Lisa Vella jew Lawrence Hili.

Pierre Balzan a fol. 59 jghid illi l-ahhar zewg ismijiet huma ta’ persuni li jahdmu mas-socjeta’ konvenuta. Terga l-fatturi kif mahruga mis-socejta’ attrici huma ndirizzati lil “Melita Marine Trading Agency”.

Ghalhekk, ma hemmx dubju illi hemm konfuzjoni fejn il-konvenut Pierre Balzan agixxa u ppresta ruhu taht diversi ismijiet u enti legali u kien qed juza wkoll isem ta’ kumpanija ta’ socjeta’ limitata qabel ma din formalment giet registrata mar-Registratur tas-Socejtajiet. Din is-sitwazzjoni ma tistax timmilita’ favur il-konvenut meta jghid illi ma ghandu l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta’ attrici.

Fil-kawza fl-ismijiet Mirabelle Distributors Limited vs Emanuel Zammit deciza mill-Qorti ta’ l-Appell sede Nferjuri fis-16 ta’ Dicembru, 2002 inghad illi, “Saru frekwenti l-kawzi fejn persuna azzjonata ghall-hlas tinheba wara l-eccezzjoni illi m’hijiex il-legittimu kontradittur. Kif gie osservat ‘Certi kazijiet huma ovvji, ohrajn mhux daqshekk ovvji. Fejn dubju pero’, wiehed kellu jippresumi li l-persuna li qeda tikkuntratta kienet hekk qeda taghmel f’isimha proprio’ “ (Lawrence Formosa et noe vs Silvio Felice Appell 6 ta’ Ottubru 19999).

L-istess inghad fil-D & S Lifts Limited vs Joseph Farrugia ukoll deciza mill-Qorti ta’ l-Appell sede Nferjuri fis-7 ta’ Mejju, 2004 fejn il-Qorti qalet illi darba persuna jidher fuq ftehim jew kuntratt ghan-nom ta’ kumpanija illi ma tezistix, kien personalment responsabbli f’ghajnejn il-ligi u seta’ jigi citat f’ismu proprio.

Dan huwa proprju dak illi gara f’dan il-kaz. Il-konfuzjoni giet mahluqa mill-konvenut, Pierre Balzan, fejn impjegati tieghu dahlu f’kuntratti mas-socjeta’ attrici ghan-nom ta’ kumpanija ta’ responsabilta limitata li ma kinitx tezisti.

Quindi fuq l-iskorta tat-taghlim fuq enuncjat, Pierre Balzan ghandu jkun personalment responsabbli ghad-djnu fuq imsemmija.

Ikkunsidrat:

Pierre Balzan gie kjamat fil-kawza permezz ta' digriet ta' l-24 ta' Jannar, 2002 u f'dik id-data ta ruhu b'notifikat bic-citazzjoni u pprezenta l-eccezzjonijiet tieghu fejn huwa eccepixxa fost affarijiet ohra, l-preskrizzjoni kwinkwennali permezz ta' l-artikolu 2156 u l-preskrizzjoni ta' sena u nofs ghal dawk illi huma kirjiet permezz ta' l-Arikolu 2148 tal-Kodici Civili u elenka b'mod dettaljat liema kontijiet kienu preskritti bid dekors ta' hames snin u liema kienu preskritti bid-dekors ta' sena u nofs.

Wara li l-Qorti ezaminat il-fatturi koncernati u z-zmien ta' meta ntbaghat il-kont, issib li dawk il-fatturi li jkopru s-sena 1996 huma kollha preskritti u dan igib l-ammont globali ta' elf, erba' mija u sitta u hamsin lira Maltin u sitta u tmenin centezmu (Lm1,456.86).

Pero' ma taqbilx ma' l-eccezzjoni tal-konvenut, illi parti mill-kontijiet huma preskritti bid-dekors tas-sena u nofs. Dan il-ghaliex il-kera tal-linja hija wkoll koperta bit-terminu preskrittiv ta' hames snin.

Fil-kawza John Scicluna noe. vs Robert Spiteri deciza fil-5 ta' Novembru, 1992, il-Qorti stabbilit li l-perijodu preskrittiv ghall-azzjoni ghall-hlas ta' kera u *calls* fi zmien hames snin peress illi dana hu servizz moghti mill-Korporazzjoni u l-hlas hu ghal dak is-servizz. Fost affarijiet ohra qalet, "Huwa veru li s-subscriber ihallas a charge ghal kull telefonata u kera ta' l-installazzjoni jew apparat, izda dan ma jbiddilx in-natura tan-negozju li hija wiehed ta' servizz u l-hlas huwa biss mod kif jigi regolat il-kumpens ghal dak is-servizz."

Il-kontijiet ghall-kera tal-linja jgibu d-data 18 ta' Frar, 1997 ghall-erbghin lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu

(Lm40.25) u 20 ta’ Awissu 1998 ghall-hamsa u ghoxrin lira u ghoxrin centezmu (Lm25.20). Minn dawn iz-zewg kontijiet issib illi l-ebda wiehed m’hu preskritt, bid-dekors ta’ hames snin san-notifika tal-konvenut fl-24 ta’ Jannar, 2002. Ghalhekk irrizulta li l-unici ammonti illi mhumiex preskritti huma mitejn u wiehed u disghin lira Maltin u sebgha u sebghin centezmu (lm291.77) li jirrigwardaw kontijiet ta’ *period contracts* ammessi mill-konvenut fl-eccezzjonijiet tieghu u hamsa u sittin lira Maltin u hamsa u erbghin centezmu (Lm65.45) ta’ kera tal-linja, b’kollox tliet mija u sebgha u hamsin lira Maltin u tnejn u ghoxin centezmu (Lm357.22).

Fix-xhieda tieghu l-konvenut Pierre Balzan [fol. 57] qal illi kollox huwa mhallas, izda l-Qorti tinnota illi rcevuti ma pprezenta xejn u lanqas ma gab almenu xi prova mill-bank ta’ pagamaenti permezz ta’ *cheque*.

Ivan Vella [fol. 64], Credit Manager mas-socejta’ attrici qal illi mill-ammont mitlub fic-citazzjoni l-konvenut ma hallas xejn. Veru illi f-laqghat illi saru minghajr pregudizzju bejn il-partijiet, il-kjamat fil-kawza Pierre Balzan qal illi hallas, pero’ anki f’dak l-istadju qatt ma pprezenta rcevuti.

Ghalhekk, peress illi minn jallega jrid jipprova, u meta si tratta eccezzjoni ta’ pagament jinkombi fuq il-konvenut biex jipprova l-pagament, il-Qorti jidhrilha li dan il-konvenut ma rnexxilux jaghmlu.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici u tikkundanna lill-kjamat fil-kawza Pierre Balzan f’ismu propriju li jhallas l-ammont ta’ tliet mija u sebgha u hamsin lira Maltin u tnejn u ghoxin centezmu (Lm357.22) bilanc ta’ somma akbar rapprezenentanti access ghall-uzu ta’ *mobile phone* u *airtime* ghall-istess.

Bl-ispejjez li ghandhom jithallsu kwantu ghal nofs mis-socjeta’ attrici u nofs mill-kjamat fil-kawza, u bl-interessi legali mid-data ta’ din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------